**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum it-Tnejn 16 ta` Jannar 2017**

**Rikors Nru. 1019/2016 JZM**

**Wara l-Mandat ta` Sekwestru bin-numru 1059/2016 fl-ismijiet :**

**GSD Marketing Limited C3774**

***vs***

**(1) Jade Limited C9145**
**(2) John u Beverley Jane konjugi Tanti (K.I. Nru : 110757M u 54002L rispettivament)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentat Beverley Jayne Tanti fit-8 ta` Novembru 2016.

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat id-digriet taghha tal-14 ta` Novembru 2016.

Rat ir-risposta li pprezentat GSD Marketing Limited fis-6 ta` Dicembru 2016.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2017.

Rat illi r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-mandat qieghed jolqot is-salarju tar-rikorrenti.

Illi skont l-Art 382(1) tal-Kap 12, l-ammont ta` €698.81 fix-xahar mis-salarju tar-rikorrenti ma jistax jigi kolpit bil-mandat.

Illi r-rikorrenti qeghda tinvoka favur taghha l-applikazzjoni tal-ewwel proviso tal-Art 382(1) ghar-ragunijiet illi semmiet fir-rikors.

Illi l-Qorti mhijiex tal-fehma illi f`dan l-istadju ghandha tapplika l-ewwel proviso tal-Art 382(1).

Ghalhekk qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti kif dedotta billi filwaqt illi qeghda tiddikjara illi mhijiex sejra thassar ghal kollox il-mandat sabiex ma jibqax jolqot is-salarju mensili kollu tar-rikorrenti, fl-istess waqt qeghda tordna illi l-mandat ghandu jibqa` jghodd biss ghall-ammont li jeccedi s-somma ta` €698.81 kull xahar mis-salarju tar-rikorrenti.

Spejjez bla taxxa.

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**